MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Numru 1/2010

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Paul Miruzzi)

vs

Micheal Camilleri

**Illum 21 ta’ Gunju tas-sena 2010;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Michael Camilleri ta’ tlieta u sittin (63) sena iben Nazzareno u Giuseppa xebba Xerri imwieled il-Mosta fl-20 ta’ Jannar 1946 u residenti 94, ‘Mic Karm’, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 161746(M);

Talli fil-granet qabel id-9 ta’ Dicembru 2009 fl-inhawi tal-Mgarr waqqa, jew ipprova jwaqqa, qata’ jew ipprova jaqta’, nehha jew ipprova jnehhi l-qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, nehha jew ipprova jnehhi l-injam, wahhal jew ipprova jwahhal xi haga ma’ jew bi kwalunkwe mod qered jew ipprova jeqred, aghmel hsara jew ipprova jaghmel hsara lil xi sigra jew partijiet taghha li hija elenkata fl-Iskeda I, II u III u ta’ xi sigra jew partijiet taghha li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-Regolament 6 ta’ l-A.L. 12 ta’ l-2001;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha parti f’ azzjoni jew ha parti f’ azzjoni, jew agixxa b’ tali mod li fil-fehma tad-Direttur seta’ kien ta’ hsara ghall-identita’ biologika, jew ghal xi sigar elenkati fl-Iskeda I, II, III jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu mar-regolament ta’ l-A.L. 129 ta’ l-2001 u dan bi ksur tar-Regolament 7(4) ta’ l-A.L. 12 ta’ l-2001;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qala’ xi sigra elenkata fl-Iskeda I, II u III jew ghal xi sigra li tinsab fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV minghajr licenzja tad-Dipartiment u dan bi ksur tar-Regolamenti 8(1)(2)(3) ta’ A.L. 12 ta’ l-2001.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Irrizulta s-segwenti:

Illi x-xhieda prodotta kienu zewg pulizija li xhedu fuq rapport lilhom sottomess;

Illi b’ ingenwita’ kbira u kontra d-drittijiet fundamentali tal-imputat fir-rigward, meta dawn staqsew lill-imputat x’ ghamdel f’ dan il-kaz u infurmahom li qata’ xi sigar biex, bhala bidwi ikun jista’ jahdem l-ghalqa tieghu li kienet tostakolalu l-passagg tieghu ghall-istess;

Illi dan hu, in assenza, ix-xhieda provduta mill-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi da parti tieghu l-imputat jichad li qal dan il-kliem lill-pulizija;

Illi jsostni li qalilhom biss li qata' xi zkuk nixfin minn xi sigra wahda tal-harrub, u li s-sigar l-ohra zabruhom impjegati tal-Kunsill Lokali nvolut;

Illi dan ghamlu biex ikun jista' jahdem l-ghalqa tieghu ghax iz-zkuk kienu ta' ostakolu ghalieh;

Ikkunsidrat:

Illi in oltre, l-ebda prova ma tresqet rigward l-eta' tas-sigar involuti – fatt, li jidher diterminanti fl-analizi legali li jrid isir;

Ghaldaqstant din il-qorti tqis li jezisti kemm nuqqas ta' provi minn naha tal-prosekuzzjoni biex tinstab htija skont il-ligi, kif ukoll konflitt serju ta' provi, u konsegwentement, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------